MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Numru 9/2008

Att ta’ Akkuza numru 9/2008

Repubblika ta’ Malta

versus

Piero Di Bartolo

Illum 14 ta’ Jannar, 2015

Il-Qorti,

Rat l-att ta' akkuza numru disgħa (9) tas-sena elfejn u tmienja (2008) ppresentata fil-konfront tal-akkuzat Piero Di Bartolo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 19028(A) fejn l-Avukat Generali fl-ewwel kap ippremetta:

Illi fl-ghaxra (10) ta' Ottubru, tal-elfejn u hamsa (2005) f'xi hin filghodu, *Omissis* cempel lil Albert Brian Rosso biex jmur hdejn d-dar tieghu Marsaxlokk, fejn kien hemm ukoll Piero Di Bartolo, biex jiddiskutu xi problemi li kellhom dwar in-negozju li kellhom dwar l-iskuna tas-sajd Desiree li kienet porprieta ta' Rosso u *Omissis* u li fuqha kien jahdem Di Bartolo. Illi d-diskussjoni marret hazin u f'mument minnhom *Omissis* u Piero Di Bartolo iddecidew li jsolvu l-problema billi joqtlu lil Albert Brian Rosso. Illi Anthony Bugeja mar gab arma tan-nar u spara diversi tiri lejn Rosso bil-hsieb li joqtlu jew li jqieghedlu hajtu f'periklu car, u dana fil-presenza u bi ftehim ma' Piero Di Bartolo. Illi fil-fatt, konsegwenza ta' dan l-agir Albert Brian Rosso miet.

Illi b'ghemilhom l-isemmija *Omissis* u Piero Di Bartolo saru hatja t'omicidju volontarju u cioe talli dolozament bil-hsieb li joqtlu persuna jew li jqieghedu il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija *Omissis* u Piero Di Bartolo hatja ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtlu persuna jew li jqieghedu l-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomorhom skond dak li hemm u jintqal fl-Artikolu 211(l)(2), u 533 tal -Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

L-Avukat Generali fit-tieni kap ippremetta:

Illi fiz-zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal Akkuza u cioe` fl-10 ta' Ottubru 2005, Marsaxlokk filghodu, *Omissis* fil-presenza u bi ftehim ma' Piero Di Bartolo spara arma tan-nar illegalment u qatel lil Albert Brian Rosso.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija *Omissis* u Piero Di Bartolo saru hatja talli fil-hin li ghamlu delitt kontra l-persuna kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma tan-nar u arma regolari u dan ghal ebda ghan legittimu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija *Omissis* u Piero Di Bartolo hatja talli fil-hin li ghamlu delitt kontra l-persuna kellhom fuq il-persuna taghhom arma tan-nar u arma regolari; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 26(a), 19 u 27 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) u fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghall-kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

L-Avukat Generali fit-tielet kap ippremetta:

Illi fl-10 (ghaxra) ta' Ottubru, tal-elfejn u hamsa (2005) f'xi hin filghodu, *Omissis* cempel lil Albert Brian Rosso biex jmur hdejn d-dar tieghu Marsaxlokk, fejn kien hemm ukoll Piero Di Bartolo, biex jiddiskutu xi problemi li kellhom dwar in-negozju li kellhom dwar l-iskuna tas-sajd Desiree li kienet proprjeta` ta' Rosso u *Omissis* u li fuqha kien jahdem Di Bartolo. Illi d-diskussjoni marret hazin u f'mument minnhom *Omissis* u Piero Di Bartolo iddecidew li jsolvu l-problema billi joqtlu lil Albert Brian Rosso. Illi *Omissis* mar gab arma tan-nar u spara diversi tiri lejn Rosso bil-hsieb li joqtlu jew li jqiegħedlu hajtu f'periklu car, u dana fil-presenza u bi ftehim ma' Piero Di Bartolo. Illi fil-fatt, konsegwenza ta' dan l-agir Albert Brian Rosso miet. Illi malli

miet, huma dahhlu l-katavru go xkora u haduh hdejn luzzu li fuqhu ghabbew xi knatan li rabtu mal-katavru u hargu il-barra fuq il-bahar hdejn il-Freeport Marsaxlokk, fejn irmew il-gisem mejjet ta' Albert Brian Rosso u dan bl-intenzjoni li jahbu id-delitt ta' omicidju.

Illi b' ghemilhom huma saru hatja talli xjentement hbew l-katavru ta' presuna li mietet b'delitt

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija *Omissis* u Piero Di Bartolo hatja talli xjentement hbew l-katavru ta' persuna li mietet b'delitt; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien minn erba' xhur sa sitt xhur skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 239 u 533 tal -Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat Piero Di Bartolo ipprezentati fit-tlieta (3) ta' Gunju tal-2008 ipprezentati fit-tlieta (3) ta' Gunju tal-elfejn u tmienja (2008) fejn eccepixxa illi:

1. In-nullita' tal-ewwel kap tal-att ta' akkuza in kwantu l-fatt migjub kontra l-eccipjent ma jikkostitwix, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt fl-istess kap stante li, filwaqt li l-fatt migjub jiddeskrevih bhala komlici tal-koakkuzat Bugeja, l-eccipjent gie mbghad akkuzat bhala awtur tar-reat;
2. Minghajr pregudizzju ghall-generalita' tal-ewwel eccezzjoni, ir-reat dedott fl-ewwel kap tal-att tal-akkuza huwa legalment eskluz galadarba ir-reat kontemplat fl-arikolu 239 tal-Kodici Kriminali qed jigi addebitata lill-eccipjent;
3. In-nullita' tat-tieni kap tal-att tal-akkuza in kwantu l-fatt migjub kontrih ma jikkostitwixxix, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt fl-istess kap stante li, filwaqt li l-fatt migjub jiddeskrevih bhala komplici tal-ko-akkuzat Bugeja, l-eccipjent gie mbghad akkuzat bhala awtur tar-reat u fi kwalunkwe kaz, ir-reat migjub jew deskritt fl-istess kap jeskludi l-komplicita';

4. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, ir-reat dedott fit-tielet kap tal-att tal-akkuza huwa legalment eskluz gialadarba ir-reat kontemplat fl-artikolu 211 tal-Kodici Kriminali qed jigi addebitat lill-eccipjent.

Rat illi l-ewwel u t-tielet eccezzjoni jirrigwardaw li allura lill-ko-akkuzat Anthony Bugeja li l-kaz tieghu gie definittivament deciz fit-tlieta (3) ta' Frar tal-elfejn u erbatax (2014) u ghalhekk fadal biss x'jigu diskussi t-tieni u r-raba' eccezzjonijiet;

Rat illi dawn jirrigwardaw l-omicidju volontarju u l-habi ta' katavru wara delitt;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli avukat difensur kif ukoll tal-ufficcjal prosekutur;

Ikkunsidrat:

Fit-trattazzjoni taghha rigward dawn iz-zewg eccezzjonijiet id-Difiza argumentat illi l-ewwel u t-tielet kapi jew huma alternattivi jew wahda teskludi lill-ohra peress li ma jistghux jissussitu flimkien. Gabet l-ezempju tas-serq u misapproprazzjoni li huma reati izda, huma ukoll alternattivi ghal xulxin – persuna tista' tigi akkuzata b'serq u misjuba hatja ta' misapproprazzjoni u l-istess vice versa. In sostenn tal-argument taghha, d-Difiza irriferiet ghall-origini tal-artikolu 239 tal-Kap 9 li jirrezali ghall-Codice Del Regno d'Italia tal-1865, specifikatament l-artikolu 144 tal-Codice Penale. Dan l-artikolu jirreferi ghal "... vilipendio sopra un cadavere umano o sopra le sue ceneri, ovvero, per fine di inguria o per qualsiasi altro fine illecito, sottrae per intero o in parte il cadavere o le ceneri, o ne violo in qualsiasi modo il sepolcro o l'urna e' punito ...".

"fuori dei casi su indicati, chiunque sottrae per intero o in parte, o senza autorizazzione despelisce un cadavere umano o ne sottrae le ceneri e' punito ..."

"se il fatto sia commesso da un persona preposta o addetta al cimitereo o ad altri luogi di sepoltura, o alla quale siano affidati il cadavere o le cenere la pena ..."

Dan l-artikolu jaqa' taht il-kap "dei delitti contra la libertà dei culti." L-awtur Luigi Majno fit-tratt tieghu "Commento al Codice Penale Italiano" (Volume 2, pagna 106,

para. 778 – 781) filwaqt illi jispjega illi dan l-artikolu fih zewg taqsimiet jghid, "più brevemente, la prima parte del articolo 144 reprime tanto gli insulti al cadavere o sue ceneri quanto la vera e propria violazione del sepolcro o del urna (para. 779) "La seconda parte del articolo 144 prevede l'ipotesi che gli atti compiuti sul cadavere, la sottrazione totale o parziale di esso o delle sue ceneri o il diseppellimento non autorizzato siano stati commessi per un fine non illecito, come potrebbe essere lo scopo di studi scientifici (para. 781). Majno jkompli jghid "L'ultima parte del articolo 144 che aggrava la pena quando il fatto sia commesso da persona proposta o addetta al cimitereo o ad altri luogi di sepoltura ...".

Dan l-artikolu jsib l-ekwivalenti tieghu fl-artikolu 411 u 412 tal-Codice Rocco dak aktar ricenti, però ukoll taht it-titolu IV u cioé "Dei Delitti Contro il Sentimento Religioso e Contro La Pietà Dei Defunti". L-artikolu 411 u 412 imsemmija jaqghu taht il-kap " Die Delitti Contro La Pietà Dei Defunti" L-artikolu 411 ta' dan l-ahhar kodici jitkellem dwar "Distruzione, Soprasessione o Sotrazione Di Cadavere", waqt li l-412 ikkwotat mid-Difiza jirreferi ghal "occultamento di cadavere". L-ahhar artikolu, 412, jghid "Chiunque occulta un cadavere, o una parte di esso ovvero ne nasconde le ceneri, e' punito ...".

Ikkunsidrat:

Kuntrarjament ghall-interpretazzjoni illi tat id-Difiza ghal dawn l-artikoli zgur illi jridu jinqraw fil-kuntest tat-titolu illi huma imqieghdin u cioé dak tal-Codice Rocco "Dei Delitti Contro il Sentimento Religioso e Contro La Pietà Dei Defunti" u dak tal-Codice del Regno d'Italia, "Dei Delitti Contra La Libertà di Culti". Dawn iz-zewg titoli m'ghandhomx l-ekwivalenti taghhom fl-artikolu 239 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid "Kull min xjentement jahbi l-kadavru ta' persuna li mietet b'delitt, jehel meta jinsab hati ..." u jaqta' taht it-titolu 56 u cioé "Fuq il-habi ta' omicidju jew ta' offiza fuq il-persuna u fuq il-habi ta' kadavru", liema sub titolu jaqa' taht it-titolu VIII "Fuq id-delitti kontra l-persuna". Hekk kif il-ligi taghna tispicca tiddiskuti t-titolu "Fuq l-iskuzi tad-delitti ..." tigi mal-ewwel fuq l-artikolu 239 li jsegwi 240 dak ta' habi ta' wild. Ghalhekk l-artikolu 239 irid jinqara fil-kuntest tat-titolu illi qieghed u cioé dak tad-delitti, mentri dak Taljan irid jinqara fil-kuntest tat-titolu illi huma mqieghdin, li m'ghandux x'jaqsam xejn mad-delitt tal-omicidju.

Il-Qorti ippruvat issib xi riferenza fin-noti tal-Professur Mamo li allura fi zmienu l-artikolu 239 tal-Kap 9 kien l-artikolu 253 izda l-Professur Mamo ma jaghmel l-ebda riferenza ghal dan l-artikolu u wara li jiddiskuti l-iskuzi ghall-omicidju jaqbez mal-ewwel fuq l-abort u l-infanticidju. Ghalhekk hu ovvju li l-legislatur ried illi r-reat ta′ habi ta′ kadavru ta′ persuna illi mietet b′delitt kellu jkun reat ghalih innifsu u mhux bhala alternattiv ghall-omicidju. Il-gurati, jekk ic-cirkostanzi hekk jindikaw, jistghu jsibu lill-akkuzat hati tal-omicidju mhux hati tal-habi tal-kadavru, jew vice versa – kollox jiddependi mill-provi illi jingiebu. Però z-zewg kapi huma zewg reati differenti illi jistghu u ghandhom jissussitu separatament u l-gurati jistghu jsibu htija taht iz-zewg kapi.

Ghalhekk din il-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tichad l-eccezzjonijiet tal-akkuzat Piero Di Bartolo u peress li ma hemmx eccezzjonijiet aktar x′jigu kunsidrati tiddifferixxi l-kawza sine die pendenti t-turn taghha biex tinstema′ bhala guri.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------